RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Hawn Aħna, Mulej !



Skeda Ġdida Paġna 6-7

Sajf
2026

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni
Radju Marija (Malta)
Nru 110 - VO/1584
Ġunju - Settembru 2026

# Hawn Aħna Mulej, f'idejk !

Hawn aħna Mulej, f'idejk! Dan kien dak li qal il-Papa, ġewwa qalbu, x'ħin induna li l-voti fil-konklavi kienu qegħdin jindikaw li l-Papa kien se jkun hu. Dan hu dak li esprima quddiem il-ġurnalisti fuq l-ajruplan fit-2 ta' Diċembru 2025.



U waqt li kien qiegħed jitkellem fuq hekk, kien qiegħed juri li hu dejjem ħass li permezz tal-ktieb li kien qara ħafna snin qabel "IL-PRATTIKA TAL-PREŻENZA T'ALLA" ta' Patri Lawrenz tar-Riżurezzjoni, tgħallem dan: li jgħix fil-preżenza t'Alla u jiġri x'jiġri, jinqala' x'jinqala', qiegħed fejn qiegħed, anki f'postijiet li qatt ma immaġina (għaliex mar f'ħafna postijiet li qatt ma kien mar fihom qabel, li qatt ma kellu l-intenzjoni li jmur, u li qatt ma kellu l-ħsieb li se jieħu xi responsabbiltà f'dawn il-lokalitajiet), ibda mill-Perù, fejn kien hemm ħafna terroriżmu. U dan, ħbieb tiegħi, ifakkarna wkoll f'saċerdot ieħor: Don Dolindo Ruotolo, li proprju jistqarr illi jemmen f'dik it-talba tant sabiħa: "Att ta' Abbandun Totali fil-Mulej". U din it-talba tgħid illi jeħtieġ nagħlqu għajnejna u nħallu lilna nfusna nintelqu kompletament f'idejn Alla. M'għandniex inħawdu u ngħaffġu min-naħa tagħna u jekk ma jirnexxilniex, u fost dak it-taħwid nitolbuH. LE! NitolbuH u nafdaw ruħna f'idejH qabel, u ngħidlulu: F'IDEJK, MULEJ. IKUN LI TRID INT!

Bdejna s-sajf, għeżież. Staġun ieħor, bħall-ħajja, li fiha s-sajf, ir-rebbiegħa, il-ħarifa u x-xitwa. U dik hi l-ħajja tagħna wkoll. Għalhekk illum, meta aħna niġu f'sitwazzjoni kemmxejn imwiegħra u kerha, jew inkella ma nkunux nafu fejn se nagħtu rasna, jew ma jkunilniex ċar minn fejn ser naqbdu nibdew, jien nista' ngħidilkom, bil-qalb kollha, biex naqbdu u ngħidu bħal dan il-Papa: HAWN AĦNA, MULEJ, F'IDEJK!

Ħbieb tiegħi, jalla l-istazzjon ta' Radju Marija, permezz ukoll ta' dan il-ktieb li semma Papa Ljun XIV, ikun ta' għajnuna għalikom, aħna u qegħdin nikkumentawh ukoll fi programm ieħor. Jalla l-ħajja tal-qaddisin u nies twajba bħalma kienet ta' Don Dolindo Ruotolo, tkun ta' mudell ta' kif in-nisrani, dak li jemmen, għandu jieħu l-ħajja, quddiem is-sabiħ u l-ikrah, il-ħafif u l-iebes u quddiem id-diffiċli. Nitgħallmu nlissnu: HAWN AĦNA, MULEJ, F'IDEJK!

Minn qalbi nittama li l-istazzjon ta' Radju Marija jgħinkom biex kuljum tkunu fil-preżenza t'Alla, ħalli kull ġurnata tkunu tistgħu tgħidu, fi kwalunkwe sitwazzjoni, kbira kif ukoll żgħira: HAWN AĦNA, MULEJ, F'IDEJK!

**Fr Antoine Borg**
*Direttur Radju Marija Malta*



2026

# *Hawn Aħna!*

Kelmiet sempliċi iżda mimlija qawwa u tifsira.
Huma kelmiet li jiġbru fina sens ta' għaqda, ta' fidi u ta' fiduċja f'Alla. Meta ngħidu "Hawn Aħna", inkunu qed nippreżentaw lilna nfusna mhux waħedna, imma flimkien bħala komunità li temmen, li tħobb u li trid taqdi.
F'din il-mixja tal-ħajja, mhux dejjem kollox ikun ċar jew faċli. Niltaqgħu ma' sfidi, diffikultajiet u mumenti ta' dubju. Imma proprju f'dawk il-ħinijiet, il-kelma "Hawn Aħna" tieħu tifsira aktar profonda.
Hija stedina biex ma naqtgħux qalbna, imma nibqgħu sodi fil-fidi u nħallu lill-Mulej imexxina pass pass.
F'din il-mixja ma nkunux waħedna, għax għandna lil Ommna Marija li dejjem timxi magħna. Hija l-Omm li tilqagħna, tħaddanna u twassalna għand Binha Ġesù.
Taħt il-ħarsien tagħha, aħna nħossuna sikuri u msaħħa. Hija tgħallimna ngħidu "Hawn Aħna" b'umiltà u fiduċja, bħalma hi stess qalet "iva" lill-pjan t'Alla.
Radju Marija hu post fejn din ir-realtà ssir ħajja kuljum. Hu mezz ta' grazzja li jgħaqqad lil ħafna nies flimkien fit-talb, fil-kelma t'Alla u fil-qsim tal-esperjenzi.
Permezz tal-programmi u x-xandir kontinwu, ħafna qlub jifirħu, jissaħħu u jsibu direzzjoni ġdida.
"Hawn Aħna" tfisser ukoll li nkunu preżenti għal xulxin. Li nisimgħu lil min għandu bżonn kelma ta' faraġ, li nappoġġjaw lil min għaddej minn żmien diffiċli u li nifirħu ma' min hu ferħan.
Din hija l-qawwa tal-komunità: li ma nħallu lil ħadd waħdu.
Fil-familja ta' Radju Marija, kulħadd għandu postu, kemm l-impjegati, il-voluntiera, kif ukoll il-benefatturi u s-semmiegħa, kollha kemm aħna nagħmlu parti minn din il-missjoni sabiħa.



Kull min jagħti ftit mill-ħin jew mit-talent tiegħu, ikun qed jgħid "Hawn Aħna" b'ġest konkret ta' mħabba.
Issa li qegħdin ngħixu fi żmien li tant neħtieġu tant imħabba, tama u paċi, aħna msejħin biex inkunu xhieda ta' dawn il-valuri.
Bl-għajnuna ta' Ommna Marija, nistgħu nwasslu dawl ġdid fejn hemm id-dlam u serħan tal-qalb u l-moħħ fejn hemm it-tħassib.
Ejja għalhekk illum, b'qalb waħda u spirtu wieħed, nerġgħu ngħidu: "Hawn Aħna".
Ngħiduha lill-Mulej fil-kwiet tal-qalb tagħna u ngħixuha fil-ħajja ta' kuljum. Taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija, nimxu 'l quddiem b'fiduċja u mħabba.
Hawn Aħna - flimkien id f'id, bil-fidi, bit-tama u bl-imħabba, lesti li naqdu u nħobbu kif jgħallimna l-Mulej.

Bridget Micallef
President

# MARIATHON SUĊĊESS

Mejju 2026
MARIATHON
"Fl-imħabba, ir-rebħa!"









Din is-sena fil-Mariathon inġabret is-somma sabiħa ta' :

# €37,047.49

li kienet għall-istazzjonijiet ġewwa **Melbourne u Sydney, fl-Awstralja.** Lil kull min ta sehmu, kemm bid-donazzjonijiet kif ukoll b'modi oħrajn, aħna ngħidulhom:



## GRAZZI KBIRA!!

## 2026





# RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

## Skeda Programmi
28 ta' Ġunju - 26 ta' Settembru 2026

| ĦIN | ĦADD | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12.00am | Għannu lil ismu | Mis-Swali tal-Kunċerti | Għandi lilek, għandi kollox | Musica è..ma non solo | Jien hu l-Ħobż tal-ħajja | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija |
| 1.00am | Fejn tgħammar Mgħallem? | Spirtu s-Santu nafda fik | Il-Miraklu ta' Radju Marija | Qari Skrittura | Ir-Ritorn tal-Iben il-Ħali | Relazzjonijiet | Ma nistgħux ma nitkellmux |
| 1.30am | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Ġużepp u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju tad-Duluri u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena |
| 2.00am | Vuċi Missjunarja | Aħbar ta' Ferħ | L-Aħħar Qatra | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati | Leħen il-magħżul | Ara Ommok | Il-marid - Ambaxxatur ta' Kristu fit-Tbatija |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Għal ħajja aħjar | Sebħ u tagħlim | Fejqan bla ħlas | Qari - Alla huwa festa | Għalik kollox | Stejjer ta' dawk il-gzejjer | Qari - Idejh miftuħin beraħ |
| 4.00am | Rużarju | | | | | | |
| 4.30am | Papa Franġisku -Ħajtu, Vokazzjoni u l-Pontifikat | Mill-istejjer ta' Ġesu | Magazine | Vuċi Missjunarja | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina | Min huma Henry u Inez Casolani | Bejn Ħsieb u Armonija |
| 5.30am | X'għadek tiftakar mill-Katekiżmu? (A) | Nimxu mal-Mulej | | Int għamiltna għalik (A) | Inbid Ġdid | Għajn ta' Ġid | Omelija mid-Djoċesi t'Għawdex |
| 6.00am | Uffiċċju tal-Qari | | | | | | Fejn tgħammar mgħallem? (A) |
| 6.30am | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel |
| 7.00am | 7.30: Jum il-Mulej | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | |
| 8.05am | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | |
| 9.00am | (8.40am) Aħbar ta' Ferħ | Lectio Divina u Milli Qrajt | | | | | |
| 9.30am | Il-Miraklu ta' Radju Marija | ikompli Kuntatt | Għalik kollox | ikompli Kuntatt | | | |
| 10.00am | Quddiesa | | Mid-Direttur | | | | Vox Sanctorum |
| 11.00am | L-Armonija fl-għanja … | Confessio | Godchat Teens | Mit-tfal għat-tfal | Nibnu u ngħixu … | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10.00am | Quddiesa | | Mid-Direttur | | | | Vox Sanctorum |
| 11.00am | L-Armonija fl-għanja nisranija | Confessio | Godchat Teens | Mit-tfal għat-tfal | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa |
| 12.00pm | Anġelus, Rużarju u Talb ta' Nofs il-Jum | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Dmugħ tal-Verġni | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Mal-Melodija Maltija | Klassiċi u Sagri | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine |
| 2.00pm | Mit-tfal għat-tfal | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Stejjer ta' dawk il-gzejjer ta' Mary Meilaq | Qari - Idejh miftuħin beraħ (A) | Il-Miraklu ta' Radju Marija | Qari - Alla huwa festa (A) | |
| 2.30pm | | | Avviżi Komunitarji | Relazzjonijiet | Sebħ u tagħlim | Avviżi Komunitarji | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Siesta | Omelija minn Ta' Pinu | | | | | Magħkom fil-weekend |
| 4.00pm | | Musica è...ma non solo | Fl-iskola ta' San Piju | Papa Franġisku - Ħajtu, Vokazzjoni u l-Pontifikat | Mid-Djarju tal-Papa | Godchat Teens | Aħbar ta' ferħ |
| 5.00pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati | Ir-Ritorn tal-Iben il-Ħali (A) | Għal ħajja aħjar (minn Kuntatt) | Spirtu s-Santu nafda fik | Ma nistgħux ma nitkellmux | Fejqan bla ħlas (A) | Għandi lilek, għandi kollox |
| 5.30pm | | Lectio Divina & Milli Qrajt | | | | | |
| 6.00pm | Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Magħkom fil-weekend | Quddiesa | | | | | Quddiesa |
| 7.10pm | Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi - Għasar - Novena | | | | | | |
| 7.30pm | Qari Skrittura | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Għasar u Novena |
| 7.40pm | | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Katekeżi minn Papa Franġisku |
| 8.00pm | Magazine | Il-marid - Ambaxxatur ta' Kristu fit-Tbatija | Bejn Ħsieb u Armonija | Ara Ommok | Mis-Swali tal-Kunċerti | Mill-Istejjer ta' Ġesu (A) | Leħen il-magħżul (A) |
| 9.00pm | | Inbid Ġdid | Min huma Henry u Inez Casolani (A) | Għajn ta' Ġid | Nimxu mal-Mulej | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri |
| 10.00pm | Rużarju, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm | Jum il-Mulej | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | Vox Sanctorum | Confessio | X'għadek tiftakar mill-Katekiżmu? | Mid-Direttur | Int għamiltna għalik |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

Fejn sejrin

## PELLEGRINAĠĠ SAN PIJU TA' PIETRELCINA, NAPLI, POMPEI U RUMA

**09 SAL-15 TA' NOVEMBRU 2026**

*Inżuru postijiet bħal: "Volto Santo" ta' Manopello, Monte Sant Angelo, is-Santwarju tal-Madonna tar-rużarju ġewwa Napli, il-qabar ta' Don Dolindo Ruotolo, il-kappella tal-"Volto Santo" ġewwa Ruma, u aktar.*

*Min jogħġbu jingħaqad ma' dan il-pellegrinaġġ iċempel fuq in-numru tar-reception ta' Radju Marija waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.*





# PELLEGRINAĠĠI

Fejn morna





## PELLEGRINAĠĠ TA' FRANZA

*Il-pellegrinaġġ għal FRANZA li Radju Marija organizza fix-xahar ta' Mejju, kien verament suċċess u l-pellegrini ħadu ħafna gost. Kienu ħafna l-waqtiet ta' ġabra spiritwali intensa, b'quddiesa kuljum, iċċelebrata mid-Direttur ta' Radju Marija, Fr Antoine Borg, fis-santwarji sbieħ li żaru. Fil-programm, fost id-diversi postijiet li żaru, kien hemm: Montemartre, Monte San Michel, Nevers, il-qabar ta' Luigi de Montfort u l-post fejn twieled il-kurat t'Ars.*

# Hawn aħna flimkien...

*Hawn aħna flimkien, lesti biex nibdew ġurnata oħra ġdida mimlija opportunitajiet. Kull ġurnata ġġib magħha sfidi u esperjenzi differenti li jgħinuna nikbru bħala persuni filwaqt li nitgħallmu affarijiet ġodda. Flimkien ikun hemm mhux biss saħħa, iżda tiżwiqa ta' talenti, ħiliet u personalitajiet. F'dak l-ambitu l-affarijiet jimxu isbaħ u aħjar. Però fl-għaqda teżisti s-saħħa meta jkun hemm proprju sens ta' fraternità. Din il-fraternità tidher fl-aqwa tagħha meta nuru rispett lejn xulxin, lejn l-ideat ta' kulħadd, meta madwarna noħolqu ambjent aħjar għal kulħadd, bla preġudizzji, meta kull persuna tħossha maħbuba, milqugħa u meqjusa bħala parti minn familja.*

*U aħna, ta' Radju Marija, nippruvaw ngħixu dan kuljum, kull ġurnata tax-xogħol tagħna. Sew jekk aħna ħaddiema, sew jekk voluntiera, tekniċi, semmiegħa, benefatturi.*

*Il-bibien ta' Radju Marija, bħalma tafu, ikunu miftuħin kważi l-ġimgħa kollha fil-ħinijiet speċifiċi tagħna, però qalbna hi miftuħa kuljum u dirgħajna lesti jilqgħu lil kull min jixtieq isir parti minn din il-FAMILJA KBIRA TA' RADJU MARIJA.*

*Hawn aħna flimkien inwettqu missjoni qaddisa, naslu f'imkejjen diversi, kemm lokalment kif ukoll barra minn xtutna u saħansitra barra mill-kontinent tagħna.*

*Intom issiru tafuna permezz tal-vuċijiet tagħna fuq ir-radju, iżda numru sabiħ minnkom jafuna personalment, jiġu jżuruna fl-uffiċċju tagħna, jattendu attivitajiet fejn inkunu, jagħtu daqqa t'id fi żmien ta' maratoni, iċemplu u jkellmuna, jattendu għall-quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar fil-kappella tagħna, u jingħaqdu magħna f'pellegrinaġġi li norganizzaw.*

*Dan li jagħmel familja sabiħa: l-unità. Fuq kollox, il-FIDI tgħaqqadna.*

*Issa li beda l-istaġun tas-sajf aħna se nibqgħu magħkom permezz ta' programmi sbieħ u skeda ġdida, sabiex filwaqt li tkunu għaddejjin bil-ħidma tagħkom, jew fil-waqtiet tal-mistrieħ tagħkom jew anki fil-jiem ta' solitudni jew konvalexxenza, Radju Marija jibqa' hawn magħkom.*

*Aħna ta' Radju Marija qegħdin hemm għalikom.*

*Viva Ġesù, Viva Marija,*
*Viva Radju Marija!*



Marija,
urina l-għażliet tal-ħajja,
farraġna fi żmien il-prova,
ħalli b'hekk fidili lejn
Alla u lejn il-bniedem,
naffrontaw b'umiltà, u b'kuraġġ
it-triqat misterjużi tas-sema,
biex inwasslu f'moħħ u f'qalb kull
persuna l-aħbar it-tajba ta'
Kristu Redentur tal-bniedem.
Marija, kewkba tal-evanġelizzazzjoni,
imxi magħna,
mexxi lil Radju Marija
u kun il-protettriċi tiegħu.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# *Grazzi tas-sapport tiegħek lil Radju Marija!*

## *Biex tgħin lil Radju Marija jkompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, inti tista':*

Tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception ta' Radju Marija - 40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta, fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Tibgħat donazzjoni b'sms:
5061 8063 għal donazzjoni ta' €4.66
5061 9278 għal donazzjoni ta' €11.65

Tibgħat donazzjoni billi ċċempel:
5160 2046 għal donazzjoni ta' €10.00
5170 2019 għal donazzjoni ta' €15.00
5180 2047 għal donazzjoni ta' €25.00
5190 2091 għal donazzjoni ta' €50.00

Tibgħat ċekk pagabbli lil **Assoċjazzjoni Radju Marija Malta**
40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat, RBT 2503
(ċekkijiet ta' €20 jew inqas ma jissarrfux).
Tibgħat Money Order pagabbli lil Radju Marija.

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 3000 0000 1460 9142 012
Numru tal-Kont: 1460 9142 012

**APS IBAN:**
MT31APSB7705 7006 0638 2000 0834 148
Numru tal-Kont: 2000 0834 148

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB4458 7000 0000 5803 0875 050
Numru tal-Kont: 0580 3087 5050

Tagħti donazzjoni lil Radju Marija permezz tal-BOV Mobile App bin-numru 79453107.

*Grazzi*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

---

Intom is-semmiegħa tistgħu tagħmlu kuntatt magħna waqt il-programmi Live b'messaġġi, talb u intenzjonijiet permezz tal-app tal-WhatsApp fuq in-numru:

**9930 6795**

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri,
ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105 - **Studio Live :21453106**

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org
VO/1584